Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 479 / 2015**

Il-Pulizija

vs

**Elmer George Cedric**

Illum, 28 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Elmer George Cedric, iben George, imwieled Pieta' fil-11 ta' Dicembru, 1986, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 3887(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-25 ta' Ottubru 2013 u fis-snin ta' qabel fil-fond Ent. H Flat 4 Triq Dun Anton Vella Siggiewi:-

1. Zamm xi ghasafar kemm haj kemm mejjet jew parti min xi ghasfur, li l-kacca jew tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolamenti dwar konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti u meta dawk l-ghasafar ma' kienux gew dikjarati u registrati ma' l-Awtorita kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma' kellu il-permess jew certifikati mill-Awtorita kompetenti sabiex izom dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 4(1) (e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S.504.71;

2. Zamm xi ghasfur kemm haj u kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskedaII jew l-Iskeda III tar-Reg ta' 2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I jew Skeda IX), meta dawk I-ghasafar ma' kienux ittiehdu fi stat membru iehor fejn ikunu jistghu jitiehdu jew jinqabdu

legalment taht id-disposizzjoni tad-Diretiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar selvaggi kif ukoll iI-ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma' kienux migjuba f' Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 bi ksur ta' regolament 4(1) (f) ta' l-A.L 79 of 2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

3. Naqas milli izomm fit-pusses tieghek u ghall-perjodu kollu li kont fil-pussess ta' kampjun il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma' kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur tar-Reg 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S.504.71;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta l-ghasafar selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I jew Skeda IX) li ma kienux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat fi subregolament 21 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 u dan bi ksur ta' Reg 21 (5) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71;

5. Aktar talli ipposjeda xi ezemplari ta' speci elenkati fi Skeda VI (a) tar-Regolamenti tal- 2006dwar il-Protezzjoni tal-Flora u Fawna u Ambjenti naturali, u cioe' Ballottra Mustela nivalis meta ma kellux permess mahrug minn qabel mill- Awtorita' Kompetenti jew mid-Direttur u dan bi ksur ta' regolament 25 (1) (a) ta' l-A.L. 311 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' A.L. 162 ta' l-2009

U aktar talli fis-snin ta' qabel:

6. Ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-Subregolament (1)(e) ta' regolament 4 ta' Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (uhud inkluzi fi Skeda I jew Skeda IX) minghajr ma ghamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghal-Ghasafar Selvaggi u minghajr ma' kellu awtorizzazzjoni bl-miktub ta' dak it- trasferimet jew disponiment minghand l-istess Taqsima, bi ksur tar- Regolament 4(2) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi ksur ta' KAP 480 art 47 (1).

8. Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenza taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenza;

9. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjoni barra mil-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap 480, Art 5(3)

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew prmess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L.79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 49 (2) ta' l-A.L 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-*Corpus Delicti* u bis-sahha tar-regolament 49(7) tordna l-iskwalifika fiz-zamma jew l-akkwist ta' xi licenzja, permess jew awtorita', mahruga taht l-istess regolamenti ghal zmien mhux inqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 4(2) tal-AL 79/2006 kif emendat LS504.71 u Reg 21(5) tal-AL 79/2006 hekk kif emendat LS504.71, Reg 25(1)(a) tal-AL 311 tal-2006 hekk kif emendat permezz tal-AL 162 tal-2009, l-artikoli 5(3), 27(1) u 47(1) tal-Kapitolu 480, il-Qorti ma sabitx lil imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-seba’ , it-tmien u disa’ akkuzi u ghaldaqstant illiberatu minnhom filwaqt sabitu hati tar-raba’ , il-hames u s-sitt akkuzi u kkundannatu ghal multa ta’ elf u hames mitt ewro €1500. Inoltre ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja ghal sentejn u l-konfiska tal-ghasafar ezebiti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Elmer George Cedric minnu pprezentat fis-26 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fil-parti fejn l-appellanti gie lliberat minn l-1, 2, 3, 7, 8 u 9 akkuzi u hati tal-5 u 6 akkuzi u thassarha u tirrevokha billi tilliberah mir-raba [4] akkuza u tikkondannah piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi dan l-appell jirrigwarda s-sejbien ta' htija mir-raba akkuza u l-piena. Illi dwar is-sejbien ta' htija tar-raba akkuza, l-esponenti jirritjeni li huwa qatt ma' kellu jigi misjub hati ghaliex effettivament it-tajr kien kollu registrat u dana kif huwa pprova zgur sal-grad tal-probabli waqt is-smiegh tal-kawza quddiem I-Ewwel Qorti. lIIi huwa minnu li l-esponenti kellu xi ftit tat-tahwid fil-karti izda certament dan kien jikkontrasta ferm mal-konfuzjoni li kellhom l-Awtoritajiet Ii sa anke waqt il-proceduri odjerni baqghu jibghatu ghall-esponenti u jaghtuh mit-tajr li kienu originarjament elevaw inutilment. Illi bid-dovut rispett rrizulta li t-tajr kien registrat fuq terzi u li kien l-esponenti stess li mar ghand l-Awtorita kompetenti biex jirranga l-affarijiet. lIIi dan id-disgwid kollu bid-dovut rispett inqala' minhabba l-ufficjal Stanley Gatt li da parti tieghu jinghad li ra x' ha jaghmel biex forsi johloq problemi zejda ta' burokrazija lill-esponeti billi baqa sa l-ahhar jaghmilha difficli ghall-esponenti biex jirregolarizza l-affarijiet. Illi l-esponenti ghalhekk b' rispett qatt ma' kien messu jinstab hati ta' dina r-raba akkuza;

2. Illi inkwantu il-piena dina hija b' rispet esegerata ghall-ahhar u specjalment fejn si tratta tal-konfiska tal-ghasafar u s-sospenzjoni tal-licenzja ghal sentejn. Illi ibda biex hawn si tratta ta' licenzja tal-kacca meta l-kaz kien fuq tajr ibbalzmat li rrizulta bl-iktar mod car li dan kien tajr akkwistat minghand terzi. Illi ' l ghaliex giet sospiza I-licenzja tal-kacca imbaghad ukoll ghal zmien sentejn huwa ghal kollox b' rispett kbir inspjegabbli. Illi ukoll huwa ugwalment inspjegabbli ghaliex gie kkonfiskat it-tajr esebit meta rrizulta li llum l-esponenti ghandu l-affarijiet kollha regolari. Illi dan id-delizzjoni huwa kwazi hajjet l-esponenti u li gie kkonfiskat it-tajr meta llum l-affarijiet trangaw u meta xi tratta fuq kaz li tqajjem minn l-appellanti

nnifsu ghaliex ried li jaghmell-affarijiet kif suppost wiehed ma' jifhimx ghaliex ukoll gie implimentata dina s-sanzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem l-Ewwel Qorti xehdu l-Ispettur Ramon Mercieca u Stanley Gatt u gew prezentati numru ta' dokumenti. Xehed ukoll l-imputat li wkoll prezenta dokument. Ix-xhieda ta' dawn ix-xhieda inkluz tal-appellant moghtija quddiem l-Ewwel Qorti mhijiex traskritta.

Gew prezentati dokumentazzjoni rigwardanti dettalji tal-appellant kif ukoll Current Incident Report a fol 9. Skont ma jirrizulta minn dan ir-rapport, fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta tat-15:00, il-Pulizija marru gewwa fond Mexico, Triq Luigi Fontana, Zebbug, Malta ghand certu Elmer Cedric George fejn hemm saret tfittxija rigward tajr protett kif ukoll ajkla. Wara li daru il-post kollu ma nstab xejn illegali. Wara marru gewwa r-residenza ta' omm Cedric George Elmar li gie skortat maghhom gewwa Binja Hesri, Flt 4, Ent H, Triq Anton Vella, Siggiewi fejn saret tfittxija u f'wahda mill-kmamar instab li kellu vetrina mimlija kolha tajr. B'hekk gie msejjah is-Sur Stanley Gatt ghal habta ta' 16:45hrs sabiex gew iccekjati it-tajr kollha u gew registrati u fotografati izda giet elevata Ballotra li pussess taghha hija illegali b'hekk inharget ircevuta numru 0003822 u wara giet issigillata l-vetrina sakemm issir investigazzjoni fuq il-listi li hemm registrati mal-MEPA. Ftit wara fl-istess flat u fil-prezenza tieghu stess go kamra ohra instabet borza mimlija skratacc tal-kacca (312 il-skartocc) li mhux suppost kienu hemm u b'hekk gew elevati u inharget ircevuta numru 0003821. Minn fuq il-post telqu ghal habta ta' 17:40, l-ispezzjoni sar fuq mandat ta' tfittxija mahrug mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke.

It-Tnejn tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) bejn 13:50hrs u 15:00hrs marru gewwa fond Binja Hesri, Flat 4, Ent H, Triq Anton Vella, Siggiewi ghand Cedric Elmar, l-Ispettur R. Mercieca, PS30, PC798, PC804 flimkien ma Stanley Gatt u Gilbert Haber mill-MEPA fejn minn go vetrina gew elevati 74 speci ta' Tajr Protett li kienu kollha balzmati peress li ma kienux registrati mal-istess persuna mal-MEPA u inharget ircevuta numru 0003931 - 0003933 - 0003933. Aktar tard, it-tajr kollha gew mehuda gewwa il-Muzew Nazzjonali li jinsab gewwa l-Mdina sabiex jibqghu hemm sakemm jinqata l-kaz. Dawn gew moghtija lil Anton Catania u nharget ircevuta numru 0001572. Cedric Elmar gie nfurmat li sejrin jittiehdu passi kontrih bil-Qorti aktar il-quddiem fuq pussess ta' tajr ibalzmati mhux registrati fuq ismu kif ukoll talli kellu munizzjoni mhux fuq il-post imsemmi.

Giet prezentata affidavit ta' **PS.305. A. Gauci** fejn iddikjara li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta tat-15:00hrs waqt li kien mal-Ispettur R Mercieca u PC.451 marru gewwa l-fond Mexico, Triq Luigi Fontana, Zebbug, Malta fejn tkellmu ma Elmer Cedric George. Kellhom mandat ta' arrest u tfittxija mahrug mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LLD fuq kacca illegali ta' qtil ta' Ajkla fejn wara li spezzjonaw il-post imsemmi kollu ma nstab xejn illegali. Kif lestew minn hemm marru fejn tghix ommu Philippa Elmer gewwa l-fond Binja Hesri, Ent H, Fla 4, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi. F'wahda mill-kmamar sabu vettrina mimlija Tajr protett ibbalzmati kif ukoll 312-il skartocc (Munizzjon) li kienu f'post fejn mhux suppost. Il-Munizzjon gew elevat u inharget ircevuta numru 0003821. Rigward il-vettrina gie msejjah fuq il-post is-sur Stanley Gatt mill-MEPA fejn dan ghamel elenku tat-tajr kollu izda ma gie elevat xejn hlief ballotra li nharget ircevuta numru 0003822.

Iddikjara ukoll li nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 13:50HRS hu flimkien mal-Ispettur R. Mercieca, PC.798, PC.804, Stanley Gatt u Gilbert Haber mill-MEPA regghu marru gewwa r-residenza ta' ommu fis-Siggiewi fil-prezenza ta' Elmer Cedric George fejn gew elevati 74 speci ta' tajr protett ibbalzmati u inhargu ircevuti numri 0003931-0003932-0003933 li l-ircevuti kollha iffirma ghalihom is-Sur Cedric George Elmer fejn wara dan gie infurmat li sejrin

jittiehdu passi kontrih bil-Qorti. It-Tajr kollu gie moghti lil Anton Catania gewwa Muzew Nazzjonali l-Mdina sakemm il-kaz jigi deciz bil-Qorti u inharget ircevuta numru 0001572.

Fost dokumentazzjoni ohra, gew prezentati kopji tal-ircevuti bin-numri 0003931, 0003932, 0003933, 0003821 u 0003822.

Giet prezentata affidavit ta' **PC.804 L. Formosa** li ddikjara li nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tletax (2013) ghal haba ta' 13:50hrs hu PC804 flimkien ma ufficjal li dak iz-zmien kien inkarigat mill-ALE flimkien ma PS305 u PC798 kif ukoll Stanley Gatt u ma Gilbert Habert ufficjali tal-MEPA marru fir-residenza ta' Philipa Elmer gewwa fond Binja Hesri, Ent H, fl 4, Tiq Dun Mario Vella, Siggiewi fil-prezenza ta' Cedric George Elmer fejn minn gol-post gew elevati 74 ta' tajr protett ibbalzmat fejn is-surgent PS305 hareg tlett ircevuti bin-numri 0003931, 0003932, 0003933 li gew iffirmati minn Cedric George Elmer u gie infurmat li kien ser jittiehdu passi kontrih bil-Qorti. It-tajr kollu gie mehud il-muzew nazzjonali fejn gew moghtija lis-sur Anton Catania u nharget l-ircevuta bin-numru 0001572.

Fl-affidavit ta' **PC 798 Anthony Camilleri** gie ddikjarat li fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 1.50pm mar flimkien mal-Ispettur R. Mercieca, PS 305 u PC 804 gewwa residenza ta' Binja Hesri, ent H Flat 4, Triq Dun Anton Vella Siggiewi li tigi omm Elmer Cedric George. Fuq il-post gew ukoll Stanley Gatt u Gilbert Haber ufficjal tal-MEPA. Sar elenku ta' xi tajr li dan kellu fl-imsemmija residenza fejn gew elevati 74 tajra li kienu bbalzmati. L-imsemmi tajr li gie elevat ittiehed il-Muzew nazzjonali fejn dan gie mghoddi lil certu Anton Catania u nharget ricevuta minn PS 305.

**PC.451 A. Bugeja** iddikjara permezz ta' affidavit li kien xoghol fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ghal xi 15:00hrs mar mal-Ispettur R. Mercieca u s-Surgent 305 sabiex jaghmlu tfittxija gewwa Mexico, Triq Luigi Fontana, Zebbug fejn tkellmu ma' Elmer Cedric George li kelhom mandat ta' arrest u tfittxija mahrug mill-Magistrat Dr D Clarke fuq kacca illegali. It-tfittxijiet irrizultaw fin-negattiv u ghahekk talbu lil Cedric biex jiehodhom fejn kien qiegħed jghix ma'

ommu. Ommu Philippa Elmer tghix gewwa Binja Hesri, Flat 4, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi. Meta bdew ifittxu sabu li kellu 312 il-skartocc (Munizzjoni) li kien qed jinzamm mhux fil-post li kellu registrat is-snieter u ghalhekk elevawhomlu kontra ircevuta numru 0003821. Kien hemm ukoll kamra ohra li kienet imsakra u Cedric qalilhom li kienet ta' ohtu imma PC451 sab cavetta li kienet taqbel u gewwa din il-kamra sabu vettrina tajr ibbalzmat. Fuq il-post gie is-Sur Stanley Gatt mill-MEPA u dan ha xi ritratti u nizzel lista tat-tajr kollu li kien hemm fil-vetrina. It-tajr ma giex elevat imma kien hemm ballotra li giet elevata u taghha inharget ircevuta bin-numru 0003822. Il-vetrina giet issigillata u l-Ispettur wissa lil Cedric biex ma jipprovax jiftaha.

Iddikjara ukoll li xi gimghat wara l-Ispettur Mercieca ma PC798 u PC804 flimkien ma' Gilbert Haber tal-MEPA kienu marru jerghhu jiccekjawlu il-vetrina u minn hemm elevawlu 74 tajra ibbalzmata li rrizulta li kienu protetti. Inhargulu ircevuti 0003931, 0003932, 0003933. Wara dan it-tajr gie mghoddi lis-Sur Anton Catania gewwa Muzew Nazzjonali l-Mdina sakemm il-kaz jigi deciz bil-Qorti u inharget ircevuta numru 0001572. Gie infurmat li ser jingieb il-Qorti.

Gew prezentati numru ta' dokumenti fosthom dettalji tal-licenzja rigwardanti armi, il-fedina penali tal-appellant kif ukoll il-Current Incident Report u numru ta' dokumentazzjoni ohra quddiem l-Ewwel Qorti fosthom dikjarazzjonijiet dwar trasferiment ta' ghasafar u numru ta' listi.

Id-difiza prezentat ukoll dikjarazzjoni ta' Adriana Grech dwar l-ghoti ta' ammont ta' ghasafar ibbalzmati lill-appellant.

Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta xehed l-**Ispettur Ramon Mercieca** fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spjega li nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien stazzjonat bhala Spettur gewwa t-taqsima tal-ALE. Kien ircieva informazzjoni mill-Bird life li fil-granet ta' qabel kienet ghadha kif ghaddiet pass ta' ajkli minn naha ta' Haz-Zebbug u Ta' Qali u kien hemm xi whud li kien ghamlu kacca llegali fuqhom fosthom tawhom informazzjoni li kien hemm vettura bin-numru ta' regisrazzjoni

VIP-020 li x'aktarx kienet fuq il-post u min kien qed isuqha kien hareg u spara fuq dan it-tajr. Kienet saret investigazzjoni minn naha tieghu biex jara fuq min kienet irregistrata, l-informazzjoni kienet tkompli tghid li ghalkemm irregistrat fuq persuna, kien jaghmel uzu minnha persuna ohra, li jigi t-tifel tas-Sinjura fuq min kienet irregistrata. Kien ivverifika li fuq min kien qed jaghmel uzu kellu l-licenzja tal-kacca u kien applika ghall-licenzja specjali tal-kacca tar-rebbiegh. Kien informa lil Magistra tal-Ghassa Dr Doreen Clarke u talab il-hrug ta' mandat ta' arrest u ta' tfittxija f'isem is-Sinjur Cedric George Elmer u kienu marru ghamlu tfixxija fuq l-indirizz li kien jirrizulta li kien joqghod fih, li kien 'Mecixo', triq Luigi 'xi haga', Haz-Zebbug. Marru u sabu lil missieru u bil-kunsens tieghu ghamlu tfittxija u ma kienu sabu xejn illegali. It-tifel, ftit tal-hin wara gie fuq il-post u rrizulta li ghalkemm kellu l-indirizz tal-karta tal-identita' tieghu li joqghod hemmhekk, hu kellu mandat miftuh li anke f'kull postijiet ohra li jista' jkollua access ghalihom u kienu marru f'rsesideza ohra fejn jghix ma ommu li kienet Binja Hamsen, Entratura H, Flat 4, Triq Dun Anton Vassalli, is-Siggiewi. Kienu marru u dahlu gewwa hu, PC451 u PS305 u ghamlu tfittxija fl-imsemmi post u jiftakar li sabu ammont ta' skratac li jaqbez it-tlett mija (300) li kienu imqassmin f'postijiet differenti. Peress li huwa ma kellux il-licenzja u l-karta tal-identita' ma kienux mahruga fuq hemmhekk, mhux suppost li kienu jinzammu munizzjoni f'dak l-indirizz. Kienu spjegawlu dan.

Jiftakar li kif ezattament tidhol gewwa d-dar tieghu, faccata kien hemm bieb li kien imsakkar li ma setghux jifthu. Hares minn got-toqba tac-cavetta u faccata ra pjanta izda ma setghax jaraw x'inhi. Talbuhom biex jifthu l-kamra u ommu qalet li l-kamra tat-tifla u ma kellhomx cavetta. Kien hemm PC451 u kif sema' li ma kienx hemm cavetta, kien hemm qisu sottospecchio zghir u kien hemm xi haga fih, fetaha u sab cavetta. Ipprova jqabbilha fil-bieb u fetah u dahlet fil-kamra. Kif dahlu, fuq ix-xellug kien hemm armatura li kienet mimlija kollha tajr u kif setghu jindunaw innutaw li kien hemm hafna tajr protett biss li kieku kienu registrati seta' jzommhom.

Cempel ghal assistenza tas-Sur Stanley Gatt '*li dak iz-zmien kien in charge mill-MEPA*' u kien jaghti l-assistenza tieghu billi jigi fuq il-post u jara ezattament x'hemm u x'ma hemmx. Apparti dan it-tajr kien hemm ballottra wkoll u s-Sur Stanley Gatt kien gie fuq il-post. Kien hemm ammont ta' xi disghin (90) tajra. Is-Sur Cedric beda

jghidilhom li kellu hafna rcevuti minn ghand nies li kien hadhom minghandhom u kienu trasferewhomlu u kollox, ipprovda hafna karti lis-Sur Stanley Gatt kif gie fuq il-post. Peress li kien hemm hafna affarijiet li ma kienux qed jaqblu, waslu f'akkord mas-Sur Cedric li l-vetrina tigi ssigillata fuq il-post u ma' jmisshiex, u jiftakar li dawn il-karti ta' trasferiment u kollox kienu ghaddew lis-Sur Stanley Gatt. Kien studjahom u nhar it-tmintax (18) ta' Novembru kienu marru ghand is-Sur Cedric u hadulu erbgha u sebghin (74) tajra milli kellu fil-vetrina. Mir-ricerka li ghamel is-Sur Stanley Gatt, ma setghax isib konnessjoni bejn min minn qed jghid li gabhomlu u kollox. Is-Sur Stanley Gatt kompla jaghmel aktar tfixxijiet u ricerki. Kellem lin-nies li qalilhom li gab it-tajr u s-Sur Stanley Gatt iregistrahom f'isem Cedric. Jghid li jekk mhux sejjer zball meta nqatghet il-kawza minn isfel, is-Sur Cedric gahddewlu kwazi t-tajr kollu, ghajr ghal xi sbatax jew tmintax-il tajra (17/18) li s-Sur Stanley Gatt ma' setax isib il-provenjenza taghhom, minn fejn gew.

Jghid li mill-karti li provda s-Sur Cedric kellu xi mitejn u hamsin (250) tajra suppost fil-pussess tieghu izda meta marru kull ma kellu kien l-ammont ta' disghin (90) tajra. Kienu spjegaw dawn id-diskrepanza u li biex iggib it-tajr iridu jkunu registrati permess mad-Direttur tal-MEPA u l-listi jridu jinqatghu, ma jistghux jizdiedu. Spjegalu l-process kollu u ghala kienu se iressquh il-Qorti. Xehed li ressquh minhabba li kellu fil-pussess tajr li ma kienx irregistrat, kien protett, fuq il-ballotra li tigi sezzjoni tal-ligi u fuq il-munizzjoni li ma kienx qieghed kif suppost. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Qal li tal-ballottra, tal-iskratac u tat-tajr li kienu hadulu kienu hargulu ricevuta.

B'referenza ghal fol 8 spjega li ma jiftakarx esebihomx hu izda hija printout mis-CDB taghom bid-dettalji tal-appellant u bl-indirizz fejn kienu marru ghax dak l-indirizz li jidher fuq il-karta tal-identita'. A fol 9 hemm ir-rapport tal-PIRS li dahhal PS 305 rigwardanti t-tfitxxija li kienu ghamlu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u kif sussegwentement komplew l-investigazzjonijiet billi fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) kienu marru u hadu l-erbgha u sebghin (74) speci mill-pussess tas-Sinjur. Il-kumplament huwa affidavit ta' PS305 li kien involut fl-investigazzjoni, CDB tas-Sur Elmar, kopja tal-mandat a fol 13 datata l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Kopja tar-rapport u a

fol 17 sa 21 huma l-ircevuti li kienu hadu tal-iskratac u tal-ispeci tat-tajra. A fol 22 l-affidavit ta' PC804 li kien maghhom nhar it-tmintax (18) ta' Novembru peress li kien hemm ammont ta' tajr, biex ma jaghmlux hsara pprova jiehu kemm jista' Pulizija biex sussegwentement haduh il-muzew tal-istorja naturali tal-Imdina, zammewjh b'mod li ma tigrilux hsara. A fol 23 giet prezentata affdavit ta' PC 798 li assista biex jingarru it-tajr fit-tmintax (18), a fol 24 l-affidavit ta' PC451 li assista wkoll biex jingrru t-tajr fit-tintax (18), a fol 24 l-affidavit ta' PC 451 li kien il-pulizija li sab ic-cavetta li tathom access fil-kamra fejn sabu dak it-tajr kollu. A fol 25 il-licenzja tas-Sur Cedric Elmer tal-kacca tieghu u tal-garr tal-arma u a fol 27 il-fedina penali tas-Sur Elmer.

Fl-istess seduta tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Stanley Gatt** li qal li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien gie mitlub mill-Pulizija tal-ALE sabiex jassistihom f'investigazzjoni li kienet tinvolvi sejba ta' tajr protettt ibbalzmat gewwa r-residenza "Mexico", Triq Luigi Fontana, Haz-Zebbug fejn allegatament din kienet il-propjeta' ta' Elmer Cedric George. Jghid li ma kienx kaz semplici izda jinvolvi spezzjoni go residenza u elenku tal-ezemplari li kellu on site. Kienet saret spezjoni gewwa r-residenza ta' Elmer Cedirc u rrizulta li kien hemm kollezzjoni ta' tajr ibbalzmat u mammiferu. Ghamel elenku ta' dak kollu li kien hemm on site u s-Sur Elmer Cedric ma kienx iddikjara l-pussess tat-tajr protett ibbalzmat mad-dipartiment. Jghid li kien hemm zewg (2) istanzi, zewg amnestiji ,wahda fin-ninety seven, ninety eight (97/98) u l-ohra fl-elefejn u tlieta (2003). Huwa la kien iddikjara fin-ninety seven, ninety eight (97/98) ma dak li qabel kien id-dipartiment tal-ambjent u lanqas fl-elfejn u tlieta (2003) ma' dak li qabel kienet il-MEPA. La hu u lanqas ebda membru tal-familja li forsi kien registrat f'dik ir-residenza li huma marru. Spjega li jigifieri teknikament la fuq l-individwu u lanqas fuq ir-residenza ma kellu assolutament xejn. Meta acceda flimkien mal-Pulizja sab kollezzjoni. Kienet komposta kemm minn tajr, li huwa protett, kemm tajr li mhux protett u anke mammiferu. Ghamel elenku, item, item ta' dawn l-ezemplari kollha u spjega li '*It-title mounted protected birds in possession of Elmer Cedric, of Zebbug, id 3887(M).*' Dakinhar tal-ispezzjoni, staqsieh '"*Isma, dawn kif gew fil-kustodja tieghek, dawn l-ghasafar la darba inti m'ghandekx registrazzjonijiet?" Dan kien qieghed on site u lis-Sur Elmer qed naghrfu hawnhekk gewwa l-awla. Kien tani zewg (2)*

*dokumenti, mela, tani ittra, qisha skrittura privata illi saret beju u bejn certu Anthony Pisani, illi qed jghid, dan Anthony Pisani illi ghaddielu numru ta' ghasafar ibbalzmati. Din qieghda a fol thirty (30).'* Jghid li d-data hija t-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004). Kif hareg minn gor-residenza, s-Sur Elmer Cedric li kien ghad ghandu xi dokumenti f'idejh, mar jaghmel photocopy taghhom u gie biex jaghtihomlu. It-tieni dokument li huwa a fol 31, huwa kopja li rrefera ghalih qabel pero bid-data mghottija. Maghha anness hemm kopja tal-karta tal-identita' ta' Anthony Pisani li qieghda a fol 32 u maghha wkoll kien hemm kopja ta' registrazzjoni li qieghda ndikata a fol 33 li tirreferi ghal dikjarazzjoni li suppost ghamel is-Sur Anthony Pisani fin-1998. Dawn immarkati minn a fol 33 sa 36. Is-Sur Elmer Cedric kien qallu wkoll li ghandu ta' haddiehor dokumenti. Qallu sabiex jiproducihomlu. Ghadda xi zmien, jidhirlu fil-bidu ta' Novembru fejn gablu dokumenti ohra. Sahansitra anke fil-photocopy kien hemm nota *"brought by Elmer Cedric George on six, eleven, two thousand and thirteen (06/11/2013). Dan qieghed indikat a fol thirty seven (37).'* Dan kien tahomlu fil-prezenza tal-kollega Gilbert Haber li tah kopja ta' dikjarazzjoni li fuqha hemm lista ta' ghasafar immarkati '*bil-very good*' fejn dan kien qieghed jallega li dawn huma l-ghasafar illi gab minghand Anthony Pisani. Jghid li dan id-dokument huwa differenti minn dak li tah l-ewwel. Jghid li l-lista tal-ghasafar lanqas hija l-istess, kien hemm diskrepanzi. Dan jnsab a fol 37 sa 47. Kien tah wkoll kopji tal-istess skrittura privata bejn certu Adriana Grech fejn ghamlet dikjarazzjoni li qed taghti ddikjarazzjoni kollha li kienet ghamlet mad-Dipartiment tal-Ambjent, tal-ghasafar ibbalzmati taghha, lilu. Din tinsab a fol 48 sa 51. Kopja wkoll ta' skrittura privata li saret bejn certu Charles Attard li wkoll jindika li ta l-ghasafar illi kien iddikjara mad-Dipartiment lilu wkoll. Dawn id-dikjarazzjonijiet investigahom u kien irrizultalu li minn dawn it-tlieta (33) min nies li allegatament ghaddew l-ghasafar lil Elmer Cedric permezz tal-iskrittura privata, l-unika wiehed li b'mod ufficjali kien innotfiika lill-Awtoritajiet, jigifieri lid-Dipartiment tal-Ambjent jew inkella lil MEPA jew inkella wara l-MEPA kien hemm il-Wildbird Regulation Unit. Dan kien Anthony Pisani. L-ohrajn qatt ma nnotifikawhom b'xejn. Jigifieri teknikament ghal fini ta' awtoritajiet, dan it-trasferiment qatt ma' sehh ghaliex kien obbligu li jekk bniedem ser jaghmel transfer of ownership, apparti li jinnotfika, tigi pprocessata dik l-applikazzjoni u tghaddi mill-process kollu, jigifieri identifikazzjoni ta' ezemplari, tagging, johrog ic-certifikat, f'dan il-kaz ma sar xejn. Wiehed minn dawn it-tlieta kien innotifikahom.

Spjega li a fol 57, wiehed isib il-kopja li kien bghatilhom Anthony Pisani fejn hemm '*received stamp tal-MEPA*' u fejn dan kien l-unika dokument li qatt wasal ghandhom. Ta' min jinnota li dan id-dokument, ma fihx data fuqu miktuba bl-idejn, jigifieri bhal ma' kien urih l-ewwel darba s-Sur Cedric Elmer fir-residenza tieghu. Hemm lista ta' ghasafar. Li ghat-tielet darba hija differenti mid-dokumenti li kien gablu qabel. Jigifieri ghall-Awtoritajiet, l-unika darba ufficjali li saret kienet dik indikata a fol 57 sa 61. Il-kumplament kienu dokumenti li ma jafux minn fejn bdew johorgu, bhala Aworita' qatt ma kellhom kopja taghhom.

Huwa rricerka dwar id-dikjarazzjonijiet li ghamlu dawn it-tlett individwi jigifieri Anthony Pisani, Charles Attard u Adriana Grech u rrizultalu li vera kienu ghamlu xi dikjarazzjonijiet ghat-tajr protett u bbalzmat mhux ghat-*transfer of ownsership*. *Transfer of ownership* l-uniku applikazzjoni li kien hemm kienet ta' Anthony Pisani. Pero' dawn it-tlett (3) minn nies veru kienu ghamlu dikjarazzjonijiet. Hu esebixxa l-kopji tad-dikjarazjzonijiet kollha li ghamlu dawn in-nies jigifieri Anthony Pisani li ghamel tlieta (3) wahda a fol 62 sa 71, ohra a fol 72 sa 74 u ohra a fol 75 sa 85.

Id-dikjarazzjoni ta' Adriana Grech li ghamlet maghhom originarjament biex tkun tista' zzommm tajr ibbalzmat, qieghda ndikata minn fol 86 sa 89. Kopja tad-dikjarazzjoni li kien ghamel Charles Attard mad-Dipartiment tal-Ambjent hija minn fol 90 sa 93. Dik il-lista ta' tajr li kien identifika fuq il-post iccekjahom kemm mat-talba ghal transfer of ownership u l-unika wahda li qatt kienet dahlet ghand il-MEPA minghand is-Sur Anthony Pisani u ccekjahom mal-lista tat-tajr li kellha Adriana Grech u Charles Attard. Irizultalu li minkejja li teknikament xorta qisu accettaw l-iskrizzjoni privata li saret bejnethom daqs li kieku talbu transfer of ownership xorta irrizultalu xi diskrepanzi li kienu dawk indikati a fol 101 sa 103. Kienu dawk l-ghasafar protetti bbalzmati li kellu fil-kustodja tieghu li huwa indika lil Pulziija sabiex jissekwestraw. Spjega li wara li kien tah dik id-dokumentazzjoni kollha li hu investiga u beda jsib dawn it-tip ta' diskrepanzi, kien talab lil Pulziija, qalilhom "*Ejjew nissekwestraw u nissigilla kollox halli l-evidenza tigi ppriservata u mbghad if we come to a conclusion, wara li nkunu ghamilna ezami akkurat, item,item, ta' dawk kif setghu fil-verita' mxew l-idejn dawn l-affarijiet.*" Lis-Sur Elmar Cedric tawh il-kollezzjoni kwazi

kollha lura bl-eccezzjoni ta' dawn it-tmintax il-ezemplari li mkien ma' rrizulta li kienu gew iddikjarati minn dawn it-tlieta minn nies u mghoddija lilu.

Irrizultalu ukoll diskrepanzi kbar fejn jidhol dak li suppost kellu fil-kustodja tieghu s-Sur Elmar Cedric u dan ghaliex skont l-iskritturi privati suppost kellu fil-kustodja tieghu mizerjament xi mitejn u hamsin (250) ghasfur mentri fir-realta il-kollezzjoni tieghu anke tinkludi li mhux protett indikata minn fol 95 sa 99 kienet disghin (90) ezemplari. Allura ifisser li madwar mija u hamsin, mitejn ghasfur ma kienux fil-kustodja tieghu ghalkemm suppost kienu qeghdin fil-kustodja tieghu. Elmer Cedric dejjem sostna li dawk il-kollezzjoni, minghand dawn in-nies hu gabarhom, kienu qeghdin ghandu. Ghalhekk gabilhom id-dokumentazzjoni kollha biex jurihom li dawk l-ezemplari kollha gabhom minghand dawn in-nies. Bejn id-data tal-akkwist ta' dawn l-ezemplari minghand dawn it-terzi persuni sad-data li saret l-ispezzjoni originali ta' Ottubru dawn kienu gew *disposed of*. Ghamel ricerka u rrizultawlu li minghand dawn l-individwi qatt ma kellu talba ghal *disposal*. Lanqas minghand Elmer Cedric. Lil dawn l-individwi kellimhom ukoll direttament biex jara l-veracita', jew dawn veru tawhx l-ghasafar u kkonfermalu li veru tawh l-ghasafar. Allura dawn gew *disposed of* minghajr awtorita, mis-Sur Elmer Cedric. Huwa kien indika lil Qorti permezz ta' lista li tibda a fol 104 sa 109 l-ezemplari li suppost kienu qeghdin fil-kustodja tieghu pero' ma kienux. Lil Qorti indikalaha li ghalhekk kien process twil. Jghid li kien indika kollox lil Qorti, spjega kif kull *item* huwa *traceable.* Id-decizjonijiet taghhom kienu ibdazati fuq dak, fuq id-dokumentazzjoni u *traceability* ta' kull item, kemm fid-dikjarazjzoni u fizikament *on site.*

Il-konkluzjoni kienet li kellu tmintax (18) il ezemplari li minn imkien ma johorgu fid-dikjarazzjonijiet minkejja li huma protetti u kien hemm minnhom li huma sahansitra mharsa b'mod specjali, ndikati lil Qorti permezz ta' asteska u nota taht fol 103 bhala dawk l-ispecies inkluzi fl-ewwel skeda tal-Avviz Legali 79/2006. L-ohrajn, in-nota tnejn (2) hija dawk l-ezemplari li mhux inkluzi fl-iskeda tnejn jew tlieta, daqstant huma mharsa u ma jistghux ikunu fil-pussess ta' individwu jekk mhux registrati. Mhuwiex jitkellem fuq ghasafar li huma capitive bred allura jkunu lebsin curkett maghluqa. Ma kellhom xejn indikazzjoni li qatt setghu gew akkwistati b'mod legittimu. La dokumentazzjoni ta' importazzjoni, la *closed ring* semplicement ghasfur

ibbalzmat minghajr ebda forma ta' marki, li suppost kull min kien fil-kustodja ta' dawn l-ghasafar kellhom opportunita  jew fin-ninety seven, ninety eight (97/98) jew fl-elfejn u tlieta (2003) sabiex jiddikjarahom. Kif ikun fil-kustodja tieghek u trid taghtih lil haddiehor, suppost li tapplika ghal permess, jigu iddentifikati u mmarkati. Hemm process shih. Jigifieri johrog ic-certifikazzjoni u bniedem imbghad jista' jittrasferihom.

Fl-ahhar mll-ahhar jghid li kienu '*lenient hafna lejn is-Sur Elmer Edric, fis-sens illi il-kollezzjonijiet ta' Adriana Grech u ta' Charles Attard, ikkunsidrajnihom daqs li kieku kien dan, transfer legittimu, u kif ghidt qabel, ghamilna cross checking ta' item item, u hargu dawn id-diskrepanzi. Fejn qed nindika jiena, illi l-item kien suppost qieghed ghandu u ma' nstabx, allura gie disposed of minghajr awtorizzazzjoni, jiena sahansitra ndikajt lill-Qorti mill-liema kollezzjonijiet suppost li gew.*' Jghid li kemm minghand Anthony Pisani, Adriana u Attard Carmelo. Huwa gharaf ukoll fol 110 sa 111 u gharaf il-kitba tieghu. Jghid li hi rcevuta li hargu il-pulziija lil Elmer Cedric tal-ezemplari li kienu gew issekwestrati originarjament. Jghid li hemm elenku tal-ezemplari u kien kitibha hu lil Pulziija biex jiffacilitalhom ix-xoghol.  Kienet giet sekwestata wkoll ballottra bbalzmata li hija mharsa wkoll, qieghda a fol 100. Din il-ballottra mill-ezami li ghamlet ghad-dokumentazzjoni, minn imkien ma' tirrizulta li dan suppost ghandu permess specjali  biez izommha l-ballottra. Il-permess specjali jinghata biss ghar-ragunijiet ta' ricerka u edukazzjoni. Elmer Cedric ma kellux dan il-permess, ghaldaqstant il-pussess tal-ballottra kien ukoll wiehed illegali u sussegwentement kienet giet issekwestrata minghandu wkoll.

In kontro-ezami ikkonferma li kellem lil Pisani, Grech u Attard personalment u ma jiftakarx jekk lill-Ispettur Ramon Mercieca qallux b'mod speciifku li kellimhom pero' zgur li ghamilha cara mal-Pulizija li r-rizultat tal-ezami taghhom, jigifieri ghalfejn waslu ghas-sekwestru  ta' tmintax (18) il-ezemplari u mhux il-kollezzjoni kollha kien konsegwenza tal-ezami li ghamlu tad-dokumentazzjoni ta' dawn it-tlieta (3).

Mistoqsi jekk dawn it-tlieta ukoll kienu *in breach* wiegeb li teknikament jekk dawk it-tlett (3) persuni taw dawk l-ezemplari minghajr permess, teknikament iva, *in breach* ukoll. Jghid li huma kienu prattici. Sa fejn jaf hu l-Pulizija ma hadux passi kontra

dawn it-tlieta. Spjega li fil-kaz ta' Anthony Pisani dan kien irrizultalu li ta l-ezemplari tieghu lil xi erba jew hamsa minn nies differenti. Ix-xhud fejn setgha jirregolarizza, ghamel l-almu tieghi biex jirregolarizza. Jigifieri din il-kollezzjoni inqasmet bejn erba' hames minn nies u kien mar ghandhom kollha kemm huma, identifika l-ezemplari kollha kemm huma, ittegjahom u hareg il-permess necessarji. L-ezemplari li gew issekwestri gew issekwestrati ghal raguni wahda biss, ghax imkien ma setghu jsibu li b'xi mod kienu gew iddikjarati tal-anqas b'mod legittimu l-ewwel darba meta harget l-amnestija, minn kwalunwke mit-tlett persuni. Jigifieri kieku rrizultalu li dawn b'xi mod jew iehor kienu gew iddikjarati, kien jaghmel almu tieghu biex jirregolarizzahom u johrog il-permess. Dawk it-tmintax-il ezemplari haduhom ghax ma setghux jaghmlu mod iehor. Mkien ma kien jirrizulta li setghu gew akkwistati b'mod legittimu.

Fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed l-**appellant Cedric George Elmer** li spjega li dawn it-tlett (3) minn nies tawh vetrina. Jghid li l-izball tieghu hu li ma marx jirraporta mal-ewwel l-ufficju ta' Stanley Gatt li t-tajr qeghdin ghandu. Halla z-zmien u f'Settembru ddecieda li jmur jirregistra kollox fuqu. Mar, kellem lil certu Doreen u taghtu r-*registrations* biex jimlihom. Wara tlett (3) gimghat gew id-dar tieghu bi skuza tal-ajkla u qalulu "*Inti ghandek it-tajr kollu hazin,*" u haduli kollox. issigilawli l-vetrina u qaluli: "Issa naghmlu l-*homework* u naraw x'inhu tajjeb u x'inhu hazin." Wara gimgha gew, u hadulu kollox, qalulu: "*Hawnhekk m'ghandek xejn miktub, kollox hazin.*" *U "ghidtilhom li tajthom il-karta, bil-firma, bl-id card, kollox". Sahansitra wkoll cemplulhom u qalulhom li huma tawhomli l-ghasafar. U hadu kollox. U damu xi sena u nofs, incemplilhom, biex itellawni l-Qorti u dan, ghax jiena kont naf li kollox bis-sewwa. U ma' ridux, sahansitra anke mort ghand Dr. Gatt u tlabt lill-Kummissarju biex ifittxu jtellawni l-Qorti*' jghid li ma riedux itellghuh.

Jghid li dam sena u nofs incemplilhom darba fix-xahar, wara sena u nofs mar ghand Dr Gatt u baghtu zewg karti lil Kummissarju, umbaghad wara ircieva karta biex jitla l-Qorti. Meta tela' l-Qorti, giet appellata u l-ghada cemplulu biex imur ghall-ghasafar. Mistoqsi x'gara wara li kellhom is-seduta u giet differita, wiegeb li l-ghada filghodu cemplulu biex imur ghall-ghasafar kollha l-muzew l-Imdina u hu mar u jghid "*ghidtlu:* "*Dana ma' tajtnix kollox, fadali tmintax (18) ohra.*" Qalli: "*Dak lanqas jekk*

*jinzel Alla ma' tehodhom." Jghid li dan il-kliem qalhomlu Stanley Gatt.* Xehed '*Ghidtlu: "Jekk kollox tajjeb, kif ma' nehodhomx?"* Qalli: "*Dawk ghandek." U tawni dawk. U mbghad tlajna f' Ottubru li ghadda l-Qorti, u nqatghet kif inqatghet.*'

Mistoqsi jekk lil dawn it-tlett minn nies staqsihomx x'kien l-arrangament taghhom mal-Awtoritajiet b'referenza ghal Pisani, Attard u Grech meta xtrahom il-kollezzjoni wiegeb li tawhomlu. Qal '*Meta qaluli li ghandhom it-tajr u jridu jnehhuhom, jiena ghidtilhom li kont interessat, u nehodhom. U mbghad kont mort il-MEPA biex ikun safe u biex nara jekk humiex irregistrati, u Doreen kienet tatni l-photocopeies li rregistrati. Ghidt: "Mela, all right." U jiena ghidtilha: "Dawn diga qeghdin ghandi. Hadthom," kienet tatni r-registrations biex nimlihom. U qaltli: "Diga ghamilt hazin inti, hadthom id-dar." U jiena ghidtilha: "Issa niktibhom u nigi nghidlek x'ghandi ezatt." u wara kienu gew id-dar, wara tlett gimghat.*'

Mistoqsi  dwar li kellu imnizzel iktar milli sabulu, u wiegeb li '*Issa ezempju bicciet minnhom kellhom mija u hamsin, min mija, jien hadt kollox u jien dilettant tal-ibbalzmar. Issa bicciet minnhom kienu bis-susa, bicciet minnhom kienu mghawgin hekk. Qbadt u rmejthom. Li kienu mhux hazin, dorthom ghamiltilhom il-pedestall u affarijiet minn dawn. U zammejthom, l-ohrajn jigifieri mormijin kollha. meta kien gie Stanley id-dar tieghi u qalli, ghidtlu: "Dawk ermejthom kollha. jigifieri tista taqtahom mill-lista."*

Dwar l-iskratacc l-Avukat difensur qal li dik ammessa, li mhux suppost kienu hemm, l-imputat ikkonferma li mhux suppost imma kienu go borza wahda.  L-Avukat difensur dwar il-ballottra qal '*ma' konniex qeghdin sew biha.*' u l-imputat qal '*Il-ballottra hadtha u ma' kontx naf li trid specjali.*'

Mistoqsi mill-Qorti dwar it-tmintax (18)-il ghasfur ikkonferma li dawk ma tahomlux Stanley Gatt. Jghid li gew ghandu mal-ohrajn. Spjega '*Dak gbart il-kollezzjoni ta' dak, gbart il-kollezzjoni ta' dan u gbart il-kollezzjoni ta' dan.* Meta gew il-pulizija ghandi, qaluli*: "Dawn irregistrati?" U ghidtilhom: "Iva". Kelli folder, lanqas ilhaqt ftahtu, hatfuhuli u haduhuli.* Ghidtlu: "*Ha nispjegalkom.*" u qalli*: "M'ghandekx x'tispjega, issa naraw il-karti." Hekk biss kienu.U mbghad Stanley ma' setghax jaqbad kaptu u beda jaghmel il-homework kif fettilu hu. Dik is-sena u nofs incempillu u jiena ghidtlu: "Jiena ghadni l-karti*

*biex nghidlek ezatt minn fejn gew ghasfur, ghasfur."* Qalli: *"Le, l-ewwel karti jghoddu." U daqshekk. U mhux darba cempiltlu ta'.'*

Jghid li ghalih it-tajr ibbalzmat parti mit-tfal tieghu. Huwa l-passatemp tieghu u ghamel sentejn minghajrhom, jghid li tista tahseb kif kien ihossu.

Ikkunsidrat;

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) kienet saret spezzjoni fil-fond fejn l-appellant kien irregistrat li jghix u ma nstab xejn illegali. Sussegwentement fl-istess gurnata saret tfittxija fil-fond fejn l-appellant kien jirrisjedi ma' ommu u instabet vetrina mimlija kollha tajr, ammont ta' skratacc u anke Ballottra;

2. Illi dak in-nhar kienu gew elevati l-iskratacc kif ukoll il-Ballottra, filwaqt li l-vettrina bit-tjur kienet giet issigilata sakemm saru l-verifiki dwar dawn it-tajr;

3. Illi wara li saru l-verifiki, nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena efejn u tlettax (2013) ufficjali tal-Pulizija flimkien ma' ufficjali ma' dak iz-zmien l-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) accedew fir-residenza fejn thalliet il-vettrina bit-tajr u gew elevati dawn it-tjur li gew mehuda gewwa il-Muzew Nazzjonali;

4. Illi nhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant;

5. Fil-mori tal-kawza gew rilaxxati numru ta' tjur favur l-appellant;

6. Illi tmintax (18)-il tajra ibbalzmati baqghu ma gewx rilaxxati favur l-appellant;

7. L-appellant appella s-sentenza tal-Ewwel Qorti mill-htija tar-raba' (4) imputazzjoni u mill-piena.

Illi l-appellant instab hati tar-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet u lliberat mill-kumplament. L-apellant appella biss mis-sejba ta' htija tar-raba' imputazzjoni u mill-piena izda ma appellax mis-sejba ta' htija tal-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni.

Ghalhekk din il-qorti sejra tibda billi tikkunsidra l-ewwel aggravju ossia dak li jirrigwarda r-raba' (4) imputazzjoni li taqra:

'*U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammejt kellek fil-pussess tieghek xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta l-ghasafar selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I jew Skeda IX) li ma kienux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat fi subregolament 21 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 u dan bi ksur ta' Reg 21 (5) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S.504.71.*'

Ir-regolament 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 kien originarjament jaqra:

'*Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 9, ebda persuna ma jista' jkollha fil-pussess tagħha xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III u li ma jkunux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat fis- subregolament (6).*'

Dan gie sussegwentement sostitwit, tant li meta giet deciza s-sentenza appellata, ir-Regolament 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 li llum ma ghadhiex fis-sehh kien jipprovdi li:

'*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 9, ebda persuna m'għandha żżomm għasfur ibbalzmat ta' speċi li mhux inkluż fl-Iskedi II jew III jew għasfur li mhux tat-territorju Ewropew sakemm dik il-persuna ma żżommx fil-pussess tagħha, u għal dak iż-żmien li tibqa' fil-pussess tal-kampjun, il-liċenzi, permessi u ċertifkati kollha u kull dokument ieħor li jista' jipprova għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li dak il-kampjun ma jkunx inkiseb kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kif ukoll sakemm dak il-kampjun:*

*(a)ikun ġie ddikkjarat mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha, sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna ingħatat il-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament; jew*
*(b)ikun ġie importat legalment; jew*
*(ċ)ikun ġie meħud fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tiegħu saret skont il-liġi jew ikun ġie b'xi mod ieħor akkwistat b'mod legali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru; jew*
*(d)ikun imrobbi fil-magħluq.'*

Fis-sena elfejn u sittax (2016) il-legislazzjonijiet sussidjarji taht il-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sussegwentement trasferiti taht il-Kapitolu 549 u uhud taht il-Kapitolu 522 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 5504.71, din giet trasferita taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42.

L-appellant fl-ewwel aggravju jissottometti li qatt ma kellu jigi misjuba hati tar-raba' (4) akkuza u dan peress li t-tajr kien kollu registrat u li skond l-appellant dan ippruvah sal-grad tal-probabli waqt is-smiegh tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Jissottometti li ghalkemm huwa minnu l-appellant kellu xi ftit tat-tahwid fil-karti izda certament dan kien jikkontrasta ferm mal-konfuzjoni li kellhom l-Awtoritajiet li sa anke waqt il-proceduri baqghu jibghatu ghall-appellant u jaghtuh mit-tajr li kienu originarjament elevaw inutilment. Jissottometti li jirrizulta li t-tajr kien registrat fuq terzi u li kien l-appellant stess li mar ghand l-Awtorita' kompetenti biex jirranga l-affarijiet. Jissottometti li d-diswid inqala' minhabba l-ufficjal Stanley Gatt ra x'ha jaghmel biex forsi johloq problemi zejda ta' burokrazija lill-appellant billi baqa' sal-ahhar jaghmilha difficli ghall-appellant biex jirregolarizza l-affarijiet.

Ikkunsidrat;

Illi meta xehed Stanley Gatt quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa ta' xhieda dettaljata tas-sehem tieghu fl-investigazzjoni. Huwa spjega dwar l-ammont ta' ghasafar li nsabu ghand l-

appellant fejn meta mistoqsi kif gew fil-kustodja tieghu la darba ma ghandux registrazzjonijiet qal li tah zewg dokumenti, skrittura privata li saret bejn l-appellant u certu Anthony Pisani fejn Anthony Pisani ghaddielu numru ta' ghasafar ibbalzmati, liema ftehim jinsab a fol 30. Sussegwentement fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-appellant kien ghadda lista ta' ghasafar immarkati bil-'very good' fejn kien qieghed jallega li dawk huma l-ghasafar li gab minghand Anthoy Pisani. Xehed li d-dokument kien differenti minn dak li ta l-ewwel darba u lanqas il-lista ta' ghasafar ma hija l-istess. Li kien hemm diskrepanzi. Xehed ukoll li l-appellant tah skrittura privata bejnu u Adriana Grech fejn kienet qieghda tiddikjara '*ili qed taghti d-dikjarazzjoni kollha li kienet ghamlet mad-Dipartiment tal-Ambjent tal-ghasafar ibbalzmati taghha, lilu.*' Din id-dikjarazzjoni u dokumentazzjoni jinsabu a fol 48 sa 51. Persuna ohra Carmelo Attard skont dikjarazzjoni tindika li ta l-ghasafar illi kien iddikjara mad-Dipartiment lil appellant wkoll. Dawn jinsabu a fol 52 sa 56. Irrizulta li minn dawk id-dikjarazzjonijiet, kienet biss ta' Anthony Pisani li kien innotifika ufficjalment lil Awtortitajiet filwaqt li z-zewg trasferiment l-ohra ma kienux notifikati. Xehed li l-listi provduti ta' ghasafar li gew trasferiti minn dawn it-tlett minn nies lill-appellant kienu ferm aktar minn dawk li instabu ghand l-appellant. Spjega *li 'din il-lista ta' tajr illi jien kont identifikajt fuq il-post, u I cross checked them, kemm mat-talba ghal transfer of ownership, l-unika wahda illi qatt kienet dahlet ghand il-MEPA, minghand is-Sur Anthony Pisani u kemm I cross checked them mal-lista tat-tajr li kellha Adriana Grech u Charles Attard. U rrizultali illi minkejja illi teknikament xorta qisu accetajna din l-iskrizzjoni privata li saret bejniethom, daqs li kieku talba ghal-transfer of ownership, irrizultali li xorta fl-ahhar mill-ahhar kelli diskrepanzi.*' Xehed li d-diskrepanzi huma indikati a fol 101 sa 103. Xehed li '*tajnih il-kollezzjoni kwazi kollha lura, bl-eccezzjoni ta' dawn it-tmintax (18)-il ezemplari illi mkien ma' rrizulta illi kienu gew kemm iddikjarati minn dawn it-tieta minn nies, plus mghoddija lilu.*'

L-Ispettur Ramon Mercieca fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) moghtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta spjega li '*Peress li kien hemm hafna affarijiet li ma' kienux qed jaqblu, wasalna f' akkord mas-Sur Cedric li l-vetrina tigi ssigillata fuq il-post u ma' jmisshiex, u niftakar li dawn il-karti ta' trasferiment u kollox kienu ghaddew lis-Sur Stanley Gatt. Kien studjahom u kollox u jekk mhux sejjer zball, nhar it-tmintax ta' Novembru (18/11) konna morna ghand is-Sur Cedric u hadnielu erbgha u*

*sebghin (74) tajra milli kellu fil-vetrina. Ghalfejn? Ghax mir-ricerka li ghamel is-Sur Stanley Gatt, ma setax isib konnessjoni bejn minn min qd jghid li gabhomlu u kollox. Sakemm jien ghaddejt il-kawza u kollox, is-Sur Stanley Gatt ma' kienx kuntent u kompla jaghmel aktar tfixxijiet u ricerki u affarijiet. Minn hawn u minn hemm kellem lin-nies li qalilna li gab it-tajr u s-Sur Stanley Gatt irregistrahom f'isem is-Sur Cedric. U jekk mhux sejjer zball meta nqatghet il-kawza minn isfel, lis-Sur Cedric konna ghaddejnielu kwazi t-tajr kollu, ghajr jekk mhux sejjer zball ghal xi sbatax jew tmintax-il tajra (17/18), li s-Sur Stanley Gatt ma' setax isib il-provenjenza taghhom, minn fejn giet...*'

Meta l-appellant Cedric George Elmer xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) qal li kien ha kollox minghand it-tlett minn nies u dam ma mar jirraporta l-ufficju ta' Stanley Gatt li t-tajr qeghdin ghandu u mbaghad wara li mar kellem lil certu Doreen u taghtu r-registrations biex jimlihom, wara tlett (3) gimghat marru d-dar tieghu u issigilawlu l-vetrina. Dwar minghand min gab it-tajr qal '*Meta qaluli li ghandhom it-tajr u jridu jnehhuhom, jiena ghidtilhom li kont interessat, u nehodhom. U mbghad kont mort il-MEPA biex inkun safe u biex nara jekk humiex irregistrati, u Doreen kienet tatni l-photocopies li rregistrati. Ghidt: "Mela, all right." U jiena ghidtilha: "Dawn diga qeghdin ghandi. Hadthom," kienet tatni r-registrations biex nimlihom. U qaltli: "Diga ghamilt hazin int, hadthom id-dar." U jiena ghidtilha: "Issa niktibhom u nigi nghidlek x'ghandi ezatt." U wara kienu gew id-dar, wara tlett gimghat.*' Dwar li kellu imnizzel izjed milli effettivament sabulu qal li certu minnhom kienu bis-susa jew mghawgin u dawk qabad u ramihom fil-kaz ta' dawk lik ienu mhux hazin, darhom u ghamlilhom il-pedestall. Meta mistoqsi mill-Qorti minn fejn gew it-tmintax (18)-il ghasfur wiegeb '*Le, mal-ohrajn. Dak gbart il-kollezzjoni ta' dak, gbart il-kollezzjoni ta' dan u gbart il-kollezzjoni ta' dan. Meta gew il-pulizija ghandi, qaluli: "Dawn irregistrati?" U ghidtilhom: "Iva." Kelli folder, lanqas ilhaqt ftahtu, hatfuhuli u haduhuli. Ghidtlu: "Ha nispjegalkom." U qalli: "M'ghandekx x'tispjega, issa naraw il-karti." Hekk biss kienu. U mbghad Stanley ma' setghax jaqbad kaptu u beda jaghmel il-homework kif fettilu hu. Dik is-sena u nofs incempillu u jiena ghidtlu: "Jiena ghadni l-karti biex nghidlek ezatt minn fejn gew ghasfur, ghasfur." Qalli: "Le, l-ewwel karti jghoddu." U daqshekk. U mhux darba cempiltlu ta'.*' Din il-Qorti tifhem li l-appellant kien qieghed jirreferi ghal Anthony Pisani, Adriana Grech u

Carmelo Attard meta irrefera min ghand min gab it-tjur ghalkemm ma semmiehomx b'isimhom.

Ghalhekk il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hija li wara li gew accetati listi ta' tjur li l-appellant jghid li tghaddew ghandu minghand dawn it-tlett persuni, jirrizulta li xorta wahda hemm tmintax (18) -il tajra li skont Stanley Gatt prodott mill-Prosekuzzjoni ma jinkwadrawx f'dawn il-listi li skont l-iskrittri prezentati fl-atti kienu gew mghoddija lill-appellant bir-rizultat li ma hemm l-ebda prova tal-provvenjenza ta' dawn it-tjur.

Jirrizulta li ghalkemm Stanley Gatt tkellem ma' dawn it-tlett (3) persuni, dawn ma ttelghux jixhdu. L-Avukat Difensur fit-trattazzjoni orali tieghu issottometta li kieku l-pulizija riedu jgibu l-ahjar prova kienu jitilghu jixhdu dawn it-tlett (3) persuni. Minn naha l-ohra l-Avukat Generali dwar dan issottometta li d-difiza kellha kull opportunita' li ttellaghhom bhala xhieda in difeza.

Ikkunsidrat;

Fil-kamp penali, il-Prosekuzzjoni mistennija li tressaq l-ahjar prova u ghandha ttela kemm provi favur kif ukoll kontra. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat (I.D.265257M)</u>**[1]':

*'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi*

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-11 ta' April, 2017 (Kump Numru: 455/13)

*u cioe' beyond reasonable doubt.*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Philip Zammit et' u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.' Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Peter Ebejer', dik il-Qorti fakkret li l- grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id- dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz 'Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Il-Prosekuzzjoni tenuta tressaq l-ahjar provi kif ukoll kull prova, ghalhekk dik kemm favur u kemm kontra u dan bil-ghan li jresqu provi li jistghu jwasslu lil Qorti ghal verita'. L-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.'*

L-appellant bhal donnu qieghed jissottometti li l-prosekuzzjoni kellha tharrek lil dawn it-tlett persuni sabiex dawn setghu ikkonfermaw li filfatt l-imsemmija tjur

ghaddew ghand l-appellant minghandhom. In linea mal-principju li min jallega jrid jipprova, din il-Qorti temfasizza li dan japplika kemm ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-Difiza. Ghall-Prosekuzzjoni l-prova trid tkun minghajr dubbju dettat bir-raguni; ghad-Difiza fuq bazi ta' probabilità. Issa la darba l-appellant qieghed jallega jew jaghti x'jifhem li t-tjur kollha gew ghandu minghand it-tlett (3) persuni imsemmija mix-xhud Stanley Gatt, kien jinkombi fuq id-difiza sabiex tressaq lil dawn il-persuni sabiex jikkonfermaw li t-tjur mhux imnizzla fil-listi prezentati, verament tghaddew minghandhom ghal ghand l-appellant. Ma jirrizultax li huwa kkontestat li t-tjur in kwistjoni instabu ghand l-appellant kif wara kollox jixhdu l-ircevuti iffirmati minnu meta dawn gew maqbuda u ghalhekk kienu fil-pussess tieghu.

Kif sejra tispjega din il-Qorti, kien jispetta fuq l-appellant li jsahhah l-argument tieghu ossia li t-tjur gabhom minghand dawn il-persuni u li dawn huma registrati. Dan qieghed jinghad rigwardanti dawk it-tjur li ma jirrizultawx fil-listi prezentati u accettati mid-Dipartiment koncernat. Izda minn naha l-ohra, jirrizulta li meta din il-Qorti fliet l-atti, sabet li uhud mit-tjur imsemmija a fol 101 sa 103 imnizzla bhala '*Undeclared mounted protected birds seized from Elmer Cedric George of Zebbug I.D. 003887(M)*' u li ghalhekk huma t-tjur in mertu, huma msemmija fil-listi li l-appellant provda fl-investigazzjoni li qal li gabhom minghand Anthony Pisani jew inkella jinsabu fil-lista ta' tjur li kienu registrati fuq Anthony Pisani, il-persuna li jirrizulta li kien innotifika lid-Dipartiment koncernat dwar it-trasferiment tat-tjur versu l-appellant. It-tjur li huma imnizzla kemm fil-lista bhala mhux dikjarati kif ukoll fil-listi originarjament registrati f'isem Anthony Pisani huma s-segwenti:

1. Wiehed (1) Astun Iswed bl-Ingliz maghruf bhala Black Kite, liema tajra tissemma a fol 83 fil-lista ta' Anthony Pisani. Mill-ircevuta a fol 17, jirrizulta li giet elevata wahda minghand l-appellant;

2. Zewg (2) Gallozz tat-Tikek maghruf bl-Ingliz bhala Spotted Crake li jinsabu imsemmija fil-lista ta' Anthony Pisani a fol 78. Dawn iz-zewg tjur huma imnizzla fl-ircevuta a fol 18 fejn jirrizulta li gew elevati tnejn minghand l-appellant;

3. Gamiema tal-Kullar maghruf bl-Ingiz bhala Collared Dove li tinsab fil-lista ta'

Anthony Pisani a fol 78 imnizzla bhala 'Gammima tal-Kular'/ 'Color Dove' li din il-Qorti qieghda tifhem li jirreferu ghall-istess. Skont l-ircevuta a fol 18 giet elevata wahda minghand l-appellant;

4. Smyrna Kingfisher fejn jirrizulta li wahda hija imnizzla a fol 80 fil-lista ta' Anthony Pisani. Fl-istess lista tirrizutla 'kingfisher' iehor izda ma tnizzilx it-tip. Skont l-ircevuta a fol 19 zewg (2) Smyrna Kingfisher gew elevati minghand l-appellant. Din il-Qorti sejra tordna r-rilaxx ta' wiehed Smyrna Kingfisher filwaqt li l-Qorti sejra tikkonferma l-konfiska tal-iehor Smyrna Kingfisher;

5. Pied Kingfisher fejn jirrizulta li a fol 80 fil-lista ta' Anthony Pisani hemm inizzel 'Lesser Pied Kingfisher'. Skont l-ircevuta a fol 19 tnizzzel 'Pied Kingfisher' bhala li gie elevat minghand l-appellant. Ghalkemm l-isem ma huwiex identiku, dan id-dubju sejjer imur favur l-appellant;

6. Bulebbiet maghruf bhala Wryneck li huwa imnizzel fil-lista ta' Anthony Pisani a fol 79 u li skont l-ircevuta a fol 18 giet elevata wahda minghand l-appellant;

7. Kalandra maghrufa bl-Ingliz bhala Calandra Lark li hija imnizzla fil-lista ta' Anthony Pisani a fol 80. Skont l-ircevuta a fol 18, wahda giet elevata minghand l-appellant

8. Il-Kaċċamendula Griza bl-Ingliz Great Grey Shrike, a fol 35 fil-lista li l-appellant provda lil Stanley Gatt hemm imnizzel 'Kaccamenda Griza'/'Grey Shrike' filwaqt li f'lista a fol 80 ossia l-lista li din il-Qorti qieghda tifhem li lista ta' ghasafar li Anthony Pisani fis-sena elfejn u tlieta (2003) irregistra f'ismu, hemm imnizzel 'lesser Grey Shrike'. Skont l-ircevuta a fol 18 giet elevata 'Great Grey Shrike' izda d-dubju dwar jekk il-'Grey Strike' imnizzla fil-lista li l-appellant provda lil Stanley Gatt hijiex 'Great Grey Shrike' u jekk din kinitx registrati f'isem Anthony Pisani sejjer imur favur l-appellant.

Dwar ic-cuqlajta tat-toppu bl-Ingliz maghruf bhala Crested Lark jirrizulta li fil-lista a fol 35 hemm imnizzel 'Alwetta ta Toppu'/'Hoopoe Lark' kif anke imnizzel a fol 80 ossia 'Hoopoe Lark' izda dan ma jirrizultax li huwa l-istess bhac-Cuqlajta tat-toppu ossia Crested Lark misjuba ghand l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti sejra

tikkonferma l-konfiska taghhom.

Illi Stanley Gatt fix-xhieda tieghu in kontro-ezami quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed li '*fil-kaz tas-Sur Anthony Pisani, dan kien irrizultali illi ta l-ezemplari tieghu lil xi erba' jew hamsa (4-5) minn nies differenti. Jiena sahansitra, fejn stajt li nirregolarizza, ghamilt l-almu tieghi biex nirregolarizza. Jigifieri din il-kollezzjoni kienet giet split bejn erba', hamsa (4-5) minn nies, jien sahansitra dawn mort ghandhom kollha kemm huma, iddentifikajt l-ezemplari kollha kemm huma, itteggjajthom u hrigt dawk il-permessi necessarji. Dawk l-ezemplari li gew issekwestrati, gew issekwestrati ghal raguni wahda biss. Ghax imkien ma' stajna nsibu illi b'xi mod, kienu gew iddikjarati tal-anqas b'mod legittimu l-ewwel darba meta herget l-amestija, minn anyone of those three (3) persons.*' Ghalhekk jista' jaghti l-kaz li l-imsemmija tjur li din il-Qorti innutat li huma imnizzla fil-lista ta' registrazzjonijiet li originarjament kienu f'isem Anthony Pisani setghu gew trasferiti lil persuni ohra u mhux l-appellant, tant li filfatt a fol 57 tirrizulta dikjarazzjoni li Stanley Gatt xehed li waslet l-MEPA fejn hemm miktub li '*I would like to Transfer 51 Birds to Elmer Cedrick 3887(M)*' u li mill-lista annessa minn imkien ma jirrizultaw l-ghasafar in kwistjoni. Pero' gialadarba uhud mill-ghasafar jissemmew fil-listi li kienu originarjament regisrati f'isem Anthony Pisani, din il-Qorti kienet tistenna li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' prova ogettiva li dawn it-tjur inghataw lil haddiehor u mhux lill-appellant, fosthom lil Anthony Pisani sabiex jixhed u jikkonferma dan. Ghalhekk fin-nuqqas ta' dan, id-dubju dwar jekk t-tjur li jidhru fil-listi registrati f'isem Anthony Pisani humiex dawk registrati u trasferiti lill-appellant ghandu jmur favur l-appellant.

Minn naha l-ohra, fir-rigward tal-kumplament tat-tjur li ma humiex imnizzla fil-listi esebiti ossia dawk originarjament registrati f'isem Anthony Pisana, Adriana Grech u Carmelo Attard, l-appellant ma rnexxilux jipprova fuq bazi ta' probabilita' li dawn mhux biss kienu gew trasferiti minghand dawn il-persuna ghal ghandu izda li anke kienu registrati mad-Dipartiment koncernat. Gialadarba numru ta' tjur li gew misjuba ghand l-appellant ma jissemmewx fil-listi ta' tjur registrati fuq it-terzi persuni li l-appellant bhal donnu jghid li akkwista minghandu, l-oneru kien jinkombu fuqu biex jikkonferma li dawn it-tjur misjuba ghandu kienu effettivament registrati.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma l-htija tar-raba' imputazzjoni rigwardanti li kellu fil-pussess tieghu s-segwenti:

1. Kanġu ta' Filfla maghruf bl-Ingliz bhala Storm Petrel;
2. Ajkla tal-Kalzetti maghruf bl-Ingliz bhala Booted Eagle;
3. Black-winged Kite;
4. Faġan tal-Baħar maghruf bl-Ingliz bhala Purple Gallinule;
5. Senegal Coucal;
6. Wiehed Smyrna Kingfisher;
7. Ċuqlajta tat-Toppu maghruf bl-Ingliz bhala Crested Lark'
8. Kaċċamendula maghruf bl-Ingliz bhala Woodchat Shrike;
9. Taż-Żebbuġ maghruf bl-Ingliz bhala Hawfinch.

Minn-naha l-ohra, din il-Qorti tenut kont ta' dak gia kkunsidrat, sejra tordna r-rilaxx tas-segwenti favur l-appellant:

1. Wiehed Austun Iswed maghruf bl-Ingliz bhala Black Kite;
2. Zewg Gallozz tat-Tikek maghruf bl-Ingliz bhala Spotted Crake;
3. Wahda Gamiema tal-Kullar maghruf bl-Ingliz bhala Collared Dove;
4. Wiehed Smyrna Kingfisher;
5. Wiehed Bulebbiet maghruf bhala Wryneck;
6. Wiehed Pied Kingfisher
7. Kaċċamendula Griża maghruf bl-Ingliz bhala Great Grey Shrike u
8. Wiehed Kalandra maghruf bl-Ingliz bhala Calandra Lark.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena ordnata mill-Ewwel Qorti li skont l-appellant kienet esegarata u dan specjalment fejn si tratta tal-konfiska tal-ghasafar u s-sospenzjoni tal-licenzja ghal sentejn. L-appellant in oltre gie anke kkundannat ihallas il-multa fl-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500).

L-appellant gie misjub hati tas-segwenti tlett (3) imputazzjonijiet, ossia r-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) li jaqraw:

*4. U aktar talli fl-istess data,. hin, lok u cirkostanzi zammejt kellek fil-pussess tieghek xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta l-ghasafar selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I jew Skeda IX) li ma kienux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulate fi subregolament 21 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 u dan bi ksur ta' Reg 21 (5) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.*

*5. Aktar talli ipposjedejt xi ezemplari ta' speci elenkati fi Skeda VI (a) tar-Regolamenti tal-2006dwar il-Protezzjoni tal-Flora u Fawna u Ambjenti naturali, u cioe' Ballottra Mustela nivalis meta ma kellekx permess mahrug minn qabel mill- Awtorita' Kompetenti jew mid-Direttur u dan bi ksur ta' regolament 25 (1) (a) ta' l-A.L. 311 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' A.L. 162 ta' l-2009*

*6. Ittrasferixxejt jew b'xi mod iehor iddisponejt minn xi ghasfur imsemmi fis-Subregolament (1)(e) ta' regolament 4 ta' Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (uhud inkluzi fi Skeda I jew Skeda IX) minghajr ma ghamilt talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghal-Ghasafar Selvaggi u minghajr ma' kellek awtorizzazzjoni bl-miktub ta' dak it- trasferimet jew disponiment minghad l-istess Taqsima, bi ksur tar- Regolament 4(2) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.*

Illi meta sehhew ir-reati in kwistjoni, il-ligijiet rigwardanti dawn ir-reati kienu hafna aktar leggeri mil-lum il-gurnata. Dan inkluz il-pieni li llum huma mhux biss hija aktar severa f'dik li tirrigwarda multi izda fejn il-Qorti f'xi waqtiet hija anke obbligata li f'kaz ta' htija tordna s-sospenzjoni ta' licenzja li ma tkun anqas minn sentejn. Illum il-gurnata l-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 ma ghadhiex fis-sehh peress li kienet giet trasferiti taht il-Kapitolu 549 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk minflokk hemm il-legislazzjoni sussidjarja 549.42. Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-piena skont dak li kien fis-sehh meta sehhew ir-reati.

L-appellant jissottometti li huwa inspjegabbli ghaliex gie kkonfiskat it-tajr esebit meta skont l-appellant irrizulta li ghandu l-affarijiet kollha regolari u lanqas ma jifhem ghala giet sospiza l-licenzja tal-kacca meta si tratta ta' tajr ibbalzmat akkwistat

minn terzi. Din il-Qorti taghmilha cara li kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant, ma rrizultax li l-appellant kellu '*l-affarijiet kollha regolari*'. In oltre, minkejja li l-akkuzi jirrigwardaw t-tjur ibbalzmati, li ipposjeda Ballottra Mustela nivalis u anke iddispona minn numru ta' ghasafar, jibqa' l-fatt li hemm nuqqas ta' provvenjenza dwar numru ta' tjur. Izda din il-Qorti tenut kont ta' dak ikkunsidrat u deciz dwar ir-raba' (4) imputazzjoni, sejra filwaqt li tikkonferma l-multa inflitta, sejra tnaqqas il-perjodu tas-sospenzjoni tal-licenzja tal-kacca mill-perjodu ta' sentejn (2) ghal sena (1) u sejra filwaqt li tikkonferma l-konfiska ta' uhud mill-corpus delicti, sejra tirrevoka il-konfiska ta' uhud ohra.

Ghal motivi premessi, din il-Qorti qieghda tilqa' limitatament l-appell tal-appellant billi filwaqt li tikkonferma l-htija tal-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni kif ukoll limitatament ir-raba' (4) imputazzjoni kif ikkunsidrat, tikkonferma fejn il-Qorti ordnat il-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500) u filwaqt li tirrevoka fejn ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja ghal perjodu ta' sentejn (2) qieghda minflokk tordna s-sospenzjoni tal-licenzja tal-kacca ghal perjodu ta' sena (1) mil-lum.

In oltre, qieghda filwaqt li tikkonferma l-konfiska tal-corpus delicti tal-Ballottra Mustela nivalis stante li l-appellant ma appellax mis-sejbien tal-htija tal-hames (5) imputazzjoni. Qieghda tikkonferma ukoll l-konfiska tal-corpus delicti tas-segwenti:

1. Wiehed (1) Kanġu ta' Filfla maghruf bl-Ingliz bhala Storm Petrel (*Hydrobates pelagicus*);
2. Wiehed (1) Ajkla tal-Kalzetti maghruf bl-Ingliz bhala Booted Eagle (*Hieraaetus pennatus*);
3. Wiehed (1) Black-winged Kite (*Elanus caeruleus*);
4. Wiehed (1) Faġan tal-Baħar maghruf bl-Ingliz bhala Purple Gallinule (*Porphyrio porphyrio*);
5. Wiehed (1) Senegal Coucal (*Centropus senegalensis*);
6. Wiehed (1) Smyrna Kingfisher (*Halcyon smyrnensis);*
7. Wahda (1) Ċuqlajta tat-Toppu maghruf bl-Ingliz bhala Crested Lark (*Galerida cristata*);

9. Wahda (1) Kaċċamendula magħruf bl-Ingliż bħala Woodchat Shrike (*Lanius senator*);
10. Wieħed (1) Taż-Żebbuġ magħruf bl-Ingliż bħala Hawfinch (*Coccothraustes coccothraustes*).

Tirrevoka fejn ordnat il-konfiska tal-corpus delicti segwenti u sejra tordna li dawn jiġu rilaxxati favur l-appellant u li r-reġistrazzjoni tkun tirrifletti dan[2]:

1. Wieħed (1) Awstun Iswed magħruf bl-Ingliż bħala Black Kite (*Milvus migrans*);
2. Żewġ (2) Gallozz tat-Tikek magħruf bl-Ingliż bħala Spotted Crake (*Porzana porzana*);
3. Wahda (1) Gamiema tal-Kullar magħruf bl-Ingliż bħala Collared Dove (*Streptopelia decaocto);*
4. Wieħed (1) Smyrna Kingfisher (*Halcyon smyrnensis);*
5. Wieħed (1) Pied Kingfisher (*Ceryle rudis)*
6. Wieħed (1) Bulebbiet magħruf bħala Wyrneck (*Jynx torquilla)*
7. Wahda (1) Kaċċamendula Griża magħruf bl-Ingliż bħala Great Grey Shrike (*Lanius excubitor*) u
8. Wahda (1) Kalandra magħruf bl-Ingliż bħala Calandra Lark (*Melanocorypha calandra*).

Il-Qorti spjegat lill-appellant il-portata ta' din is-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Reġistratur

[2] L-isem xjentifiku tatt-tjur jinsab fil-parentesi.